Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 44

**Data:** It-Tnejn, 29 ta' Marzu 2021
**Ħin:** 17:30
**Post:** Online, Microsoft TEAMS

**Preżenti**:
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Perit Graziella Galea – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**44.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.43**

44.1.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.43.

44.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva il-minuti.

**44.2 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 43**

| | |
|---|---|
| **44.2.1 SPM ltd** | Il-President semma li kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti, saret laqgħa mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex ikun hemm kjarifika min-naħa ta' Diviżjoni jekk il-Kunsilli humiex mistennija li joħorġu sejħa pubblika biex jagħmlu użu mis-servizz ta' SPM ltd. Il-President semma li kien hemm kjarifikazzjoni min-naħa ta' Diviżjoni fejn peress li SPM ltd hija kumpanija governattiva, il-Kunsill Lokali m' għandux bżonn joħroġ sejħa pubblika sabiex jagħmel użu minn dan is-servizz. |
| **44.2.2 Green Walll, Green Roof u Sistema ta' Irrigazzjoni** | Il- Presdient semma li l-AKL kienet ser toħroġ sejħa pubblika sabiex isir green wall fil-parkeġġ tal-binja u jibda r-ristrutturar tal-green roof fuq il-bejt tall-binja sabiex dan l-ispazju jkun jista' jintuża bħala spazju miftuħ għall-laqgħat u attivitajiet oħra li l-AKL tagħmel minn żmien għal żmien. |
| **44.2.3 Group Life Policy** | Il-President semma li l-offerta għalqet illum u jidher li daħlu erba' offerti. L-AKL ser tkun qed tara l-offerti sottomessi u ser ikun qed jiltaqgħa l-Board tal-Evalwazzjoni sabiex jibda l-proċess ta' evalwazzjoni. |
| **44.2.4 Teambuilding Event** | Il-President semma li din l-inizjattiva ser issir nhar is-Sibt, 3 ta' Marzu u ser issir online. Semma li l-konkorrenza m'hix waħda numeruża imma l-attivita' ser issir xorta għall-benefiċju ta' dawk li irreġistraw. |

**44.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 43**

44.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u Chev. Paul Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-17 ta' Frar 2021 u 29 ta' Marzu 2021 li kienet tammonta għall-€114,484.23.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**44.4 Rapport Finanzjarju Awditjat għas-Sena 2020**

44.4.1 Il-President preżenta r-rapport Finanzjarju Awditjat għas-sena Finanzjarja 2020. Il-President semma li minħabba li kien hemm diversi inizjattivi u attivitajiet pjanati u li kellhom jitħassru minħabba l-pandemija tal-COVID-19, għaldaqstant l-AKL ġgħalqet is-sena b' surplus bla preċedent ta' €167,903.

44.4.2 Fuq proposta tal-Presidenti, issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva ir-rapport hekk kif ippreżentat.

**44.5 Management Letter għas-Sena 2020**

44.5.1 Il-President preżenta l-Management Letter hekk kif mibgħutha mill-Awdituri. Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżżekuttiv approva l-ittra hekk kif preżentata.

44.5.2 Il-President preżenta wkoll kopja ta' Management Reply li s-Segretarja tal-Assoċjazzjoni flimkien mal-Accountant tal-AKL, ippreparaw abbażi tal-Management Reply li l-AKL irċeviet. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-ittra preżentata.

44.5.3 Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Jesmond Aquilina daħlu għal-laqgħa 17:47.

**44.6 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **44.6.1 Applikazzjoni Fondi LESA** | Il-President semma li l-AKL kienet preparat il-formola sabiex tibbenifika mill-fondi tal-LESA. Il-President semma li l-proposta tal-AKL kienet sabiex isiru 21 dokument li ser iservu ta' linji gwida għall-Kunsilli Lokali. Dawn id-dokumenti ser ikunu imsejsa fuq il-pillastri li fuqhom hija ibbażata l-Viżjoni tal-AKL. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv qabel li l-proposta għandha tintbgħat hekk kif kienet preżentata. |
| **44.6.2 Kontroll tal-ħamiem fil-lokalitajiet** | Il-President semma li s-sejħa pubblika għal dan is-servizz kienet ħarġet u kienet mistennija tagħlaq lejn nofs April. Chev. Farrugia semma li fir-Reġjun Xlokk, għadd ta' |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Kunsilli Lokali qed ikollhom problema bl-għadd ta' papri li qed ikun hemm fil-kosta madwar il-lokalita'. Il-President talab lil Chev. Farrugia sabiex jagħmel kuntatt ma' espert fil-qasam peress li s-sejħa maħruġa mill-AKL kienet speċifikament għall-kontroll tal-ħamiem.

**44.6.3** Perit Graziella Galea daħlet għal-laqgħa 17:55

**44.6.4 Segretarji Eżekuttivi**

Il- President semma l-azzjoni industrijali li għaddejja bħal issa minn għadd ta' Segretarji Eżekuttivi kemm fil-Kunsilli Lokali kif ukoll fil-Kunsilli Reġjonali. il-President semma li huwa dritt tal-ħaddiem li jagħmel it-tali azzjonijiet biss pero jinstab ferm diżappuntat li għadd kbir ta' dawk li iddeċiedew li jissieħbu fl-azzjonijiet industrijali msejħa mill-UĦM, għadhom lanqas biss għandhom id-dettalji tal-pakkett finanzjarju offrut mill-Management.
Il-President semma li il-Management offra lis-Segretarji eżekuttivi żieda finanzjarja bla preċedenti, liema żieda hija ta' 13.9% li tirraprezenta bejn 4,300 u 4,900 ewro fis-sena, skont l-iskal ali jinsabu fiha. Fost il-benefiċji offruti semma wkoll li Segretarji eżekuttivi ser ikunu qed isegwu wkoll taħriġ akkreditat li dan ser ikun marbut ukoll mal-performance bonus mogħti fl-aħħar tas-sena.
Il-President semma li ġie offrut ukoll li wara l-ewwel terminu ta' impjieg, li minn perjodu ta' 3 snin issa tela' ghal 4 snin, appena jigi mgedded il-kuntratt ghat-tieni 4 snin, dawn ikollhom il-job security li jridu u l-ost taghhom jigi permanenti u jkunu anki jistghu japplikaw ghal postijiet ohra fis-settur pubbliku.
Il-President semma li jinstab ukoll kemm xejn diżappuntat għal dak li qed jiġri, fejn anki l-istess AKL imxiet mas-Segretarji Eżekuttiv tul dawn l-aħħar snin b' mod differenti minn kif kien isir qabel. Semma li l-AKL saħansitra anki bdiet tistieden għal-Laqgħat tas-Sindki lis-Segretarji Eżekuttivi kif ukoll li kull attivita', taħriġ u inizjattivi oħra, is-Segretarji Eżekuttivi dejjem kienu mistiedna sabiex ikunu jistgħu jattendu u anki l-Assocjazzjoni dejjem halset l-istess usssidju fuq korsijiet ta' Masters bl-istess mod li hallset ghall-membri eletti.
Semma li anki qed jimbotta sabiex kull beneficcju li jista' jkollhom il-membri eletti minn life cover f' kaz li dawn jigu nieqsa, dan ikun japplika wkoll ghal haddiema u s-

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

gimghat jiggieled sabiex dawn jinghataw trattament bhal haddiema ohra f' setturi differenti anki fejn tidhol it-tilqima ghal kontra l-Pandemija. Huwa qal li minkejja kollox, hekk se jibqa jimxi, imma l-Assocjazzjoni se jkollha tirrevedi l-poozizzjoni taghha fuq certi materji u affarijiet li qed isiru b' abbuz, iridu jibdew jigu indirizzati, fosthom certu obligi li mhux qed jigu esegwiti.

44.6.5 Is-Sur Jesmond Aquilina talab li jiġi skużat mil-laqgħa 18:10.

**44.7 Affarjiet Oħra**

44.7.1 Chev. Paul Farrugia semma li għandu jkun hemm aktar sinerġija fil-ħidma tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Semma li jinstab ferm urtat li minħabba n-nuqqas ta' komunikazzjoni li hemm bejn livell different ta' Immaniġjar fi ħdan id-Diviżjoni, qed ibgħatu l-konsegwenzi l-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali. Semma kif wara diskussjoni mad-Direttur Ġenerali, ir-Reġjun Xlokk ġie infurmat li l-fondi allokati għand ir-Reġjun biex jintużaw fi skema mill-Kunsilli Lokali ser ikunu qed jerġgħu jittieħu lura sabiex ir-Reġjun ma jitabix f' pիżijiet peress li anki l-bank qed iżomm interessi fuq dawn il-fondi li ġew depożitati fil-kont bankarju tar-Reġjun. Semma li meta war aikkomunika mad-Direttur fl-istess Diviżjoni din kienet aħbar u li ma kellha l-ebda dettalji. Chev. Farrugia semma li meta ser ikun qed jgħaddi l-fondi lura lid-Diviżjoni minnhom ser ikun qed inaqqas l-interess li jammontaw għal madwar €500 li r-Reġjun kellu jħallas lill-bank. Is-Sur Michael Fenech Adami semma li huwa jaqbel ma' Chev Paul Farrugia u ser ikun qed jagħmel l-istess.

44.7.2 Is-Sur Michael Fenech Adami semmi li bħala Reġjun Ċentru issottomettew applikazzjoni għall-European Region of Sports 2023. Is-Sur Fenech Adami semma li ladarba jkollu l-aċċettazzjoni ta' din is-sottomissjoni ser ikun ukoll qed jinvolvi lill-Assoċjazzjoni.

44.7.3 Perit Graziella Galea irrimarkat li qed ikun hemm problema fuq il-ġbir ta' skart imħallat li ma jkunx ġo borża sewda. Semmiet kif residenti qed joħorġu skart imħallat f' boroż li jkunu ta' lewn ieħor u dan mhux jinġabar peress li ma jkunx fil-borża s-sewda. Chev. Farrugia semma li minkejja wieħed ikun qed jipprova jirriċikla billi juża borża ta' lewn ieħor li xorta fl-aħħar mill-aħħar ser tintrema dawn qed jispiċċaw bil-borża ta' żibel mhux miġbura. Għaldaqstant dan l-aġir qed jinkoraġġixxi aktar xiri ta' boroż suwed.

44.7.4 Il-President semma li peress li l-AKL kienet ser tipparteċipa fi proġett tal-Interegg ġiet mitluba tħejji ċerti dokumenti fosthom clearnace li l-AKL m'għandiex pendenzi ta' taxxa jew bolol li għad trid tħallas. Is-Segretarja spjegat li hekk kif intbgħat dan iċ-ċertifikat min-naħa ta' CFR kien jidher li fuq in-numru tal-PE tal-AKL hemm pendenza ta' 'l fuq minn €7,500. Dan wassal sabiex l-AKL titlob għall-aktra informazzjoni lid-Dipartiment ta' Taxxa

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Is-Segretarja ikkonfermat li issa kienet irċeviet rapport sħiħ bid-dettalji u li kienet ser tibda taħdem fuqu mal-Accountant tal-AKL peress li jidher li d-diskrepanzi qegħdin fis-snin 2009 – 2014. Il-President irrimarka li ser issir talba ta liema impjegati thallus bollol nieqsa u jekk l-ammont dovut hux biss il-parti tal-Assocjazjzoni jew inkella anki bil-parti tal-impjegati. Dan sabiex l-Asscojazzjoni tkun f' pozizzjoni li jew titlob lura il-hlasijiet lil haddiema rispettivi ghal parti taghhom jew inkella tithallas biss il-parti dovuta mill-Assocjazzjoni.

**44.8 Aġġornament**

44.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 21 t' April 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija permezz tal-Microsoft Teams.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.45 li nżammet nhar l-Erbgħa, 21 t' April 2021.

**Mario Fava**
**President**